**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 t'Ottubru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**-vs-**

**Kevin Borg, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 468282M**

*Kumpilazzjoni Nru. 363/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Borg u ċioè talli:

Fit-12 ta' Ġunju, 2017, minn Triq Santu Wistin, iż-Żejtun;

1. Ikkommetta serq ta' oġġetti li l-valur tagħhom jeċċedi l-€232.94 iżda ma jeċċedix l-€2,239.37 għad-detriment ta' Nazzareno Zahra, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-lok;

Akkużat ukoll talli fl-istess data u l-jiem ta' wara f'dawn il-Gżejjer:

2. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikunsidra lil hati bhala recidiv ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li sar recediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt. Dr. F. Depasqualesa, nhar il-15 ta' Mejju, 2012, u nhar l-20 t'Ottubru, 2015.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi l-**Ispettur Investigattiv Johan Fenech** xehed kif sar rapport mid-derubat l-ghassa taz-Zejtun dwar vettura Kia Avella bajda li wara li waqqfet metru l-boghod minn fejn kien, minnha hareg guvni li beda jsaqsieh kienx hemm xi *mechanic* fil-vicin. Hekk kif id-derubat beda jkellem lill-guvni, dan qabad *choker* li kien libes id-derubat, gibidha minn ghonqu u dahal lura fil-vettura li kienet qed tinstaq minn persuna ohra u telqet minn fuq il-post. Skond id-derubat Zahra, il-vettura ma kellhiex pjanci. Hekk kif Zahra kien qed jirritorna lejn daru gharaf il-vettura f'Labour Road, Zejtun kif ukoll lill-halliel u waqaf biex jikkonfrontah filwaqt li nnota li l-vettura issa kellha l-pjanci mwahhlin u cioe BCD757. Fuq tali rapport saru investigazzjonijiet u nstab li tali numru kien jappartjeni lill-vettura Kia Avella bajda registrata fuq l-imputat.[1] Id-derubat gharaf ir-ritratt muri lilu mill-pulizija tal-persuna li fuqu kienet registrata l-vettura bhala l-istess persuna li serqitu. Sussegwentement gie investigat l-imputat li ttiehdietlu stqarrija izda dan cahad l-involviment tieghu fis-serqa.[2]

[1] Fol.16
[2] Fol.17

Illi **PS1226 Sylvan Pulis** kompla jaghti aktar dettalji dwar ir-rapport li sar minn Nazzareno Zahra, id-derubat.[3] Zied li meta Zahra kkonfronta lill-imputat u staqsieh ghac-*choker* dan qallu li jekk ried seta' jaghmel rapport l-ghassa. Kien hawn li Zahra nnota n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura Kia Avella. Ix-xhud ghamel ricerki fuq dan in-numru u sab li din kienet tghajjat lill-imputat u kellha licenzja u *insurance* mhux validi. Zahra gie muri ritratt ta' sid il-vettura u dan identifika lill-imputat bhala dak li seraqlu c-*choker.* Sar kuntatt mal-imputat biex jirrikorri l-ghassa izda dan infurmah li l-vettura tieghu kienet bil-hsara. Sar patrol fil-vicinanzi ta' certu Ritchie il-*mechanic* peress li kien hemmhekk, fi Triq il-Labour Zejtun, li Zahra lemah lill-imputat bil-vettura. Madanakollu il-patrol tat rizultat fin-negattiv. Aktar il-quddiem Pulizija mill-ghassa tal-Qawra marru fir-residenza ta' Borg f'San Pawl il-Bahar. L-ghada filghodu Borg ghamel kuntatt max-xhud li nfurmah li l-ispettur Fenech ried ikellmu. Ix-xhud zied li kien prezenti tul l-investigazzjoni u l-interrogatorju tal-imputat.[4]

Illi **Nazzareno Zahra**, id-derubat spjega kif safa' aggredit mill-imputat nhar it-12 ta' Gunju, 2017, meta kien fuq l-ghatba tal-*waiting room* tat-tabib fi Triq Santu Wistin, Zejtun. *"Wara ftit kienu xi l-hdax u nofs waqaf ragel hdejja u staqsieni jekk hawnx mechanic ghax qalli, "ilni ndur." Jiena ghedtlu, "jiena minix minn hawn ma nafx." Qalli, "mhux'l hemm isfel hux?" Imbaghad kif harist hekk biex nara ghal liema naha qed ighid, hassejt xi haga ma' ghonqi migbuda u jiena billi kelli saqajja qeghdin ikkrosjati fuq l-ghatba x'hin gejt biex inqum qatali c-choker. X'hin gejt biex inqum waqajt u l-karrozza kienet boghoq qisu t-tul t'hawnhekk* [l-awla nru.9]*.... Il-karozza kienet ftit 'il boghod wara kantuniera.... ipparkjata u startjata bil-bieba miftuha.... x'hin grejt warajh ma kellux number plate.*[5] U raha hekk kif telaq jigri wara l-imputat li **identifikah fl-awla**. Zahra ikompli *"x'hin mort biex nigri warajh ma lhaqtux, qaghadt nistenna lill-mara tohrog minghand it-tabib, x'hin kont sejjer lejn id-dar ma nafx x'tigi t-triq ma nafx hux Triq il-Labour, ahna nsibuha fejn il-Knisja tal-Hniena, hemm Richie l-mechanic u tad-deheb hdejh ukoll u rajtha l-karrozza. X'hin kont qed inhares hekk gharaftu lilu....X'hin inzilt rajtilha n-number imwahhal tal-karrozza.....[Kevin Borg] kien barra....Hdejha ghax qal li waqfitlu. Qalli, "jiena waqfitli l-karrozza," u jiena ghedtlu, "aghtini dik ic-choker li hadtli."...Qalli, "jiena ma hadtlek xejn, jiena ghandi flus kemm trid," ghedtlu, "mela ghalhekk aghtihieli c-choker ghax ser immur nghid lill-Pulizija," u qalli, "mur ghidilhom*

[3] Fol.18
[4] Fol.19-20
[5] Fol.25-26

*kemm trid lill-Pulizija." Li rrid nghid ghax insejt innizzilha ghax kont mifxul hafna ghax hu qalli, "**jekk tmur tghid lill-Pulizija tispicca hazin mieghi**," x'hin irkibt fil-karrozza tieghi.".* Ic-*choker* kienet rigal minghand martu xi ghoxrin sena qabel u kienet tiswa madwar 250-280 Lira Maltin.[6]

Minn hawn jirrizulta li t-theddid ma sarx fil-kors li kienet qed issir is-serqa jew minnufih wara izda sehhet xi hin wara hekk kif Zahra kien qed jirritorna d-dar meta rega' lemah lill-imputat. Ghalkemm hu ferm probabbli li s-sewwieq tal-vettura kien konsapevoli tal-agir tal-imputat, dan baqa' ma giex soddisfacentement ppruvat u l-Qorti ma tistax timxi fuq spekulazzjoni biss u ssib li kien hemm zewg hallelin. Ghalhekk l-aggravju tal-vjolenza kif ravvizat fl-artikolu 262 tal-Kodici Kriminali ma jirrizultax.

Illi **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCD757 hi Kia Avella ta' lewn abjad u ilha registrata fuq l-imputat mit-12 ta' Marzu, 2015.[7]

Illi gie esebit **Social Enquiry Report** minn fejn jirrizulta li l-imputat hu rezistenti biex jikseb ghajnuna ta' professjonisti. Kien precizament minhabba d-detenzjoni tieghu fil-habs li kien qed izomm il-boghod mid-droga izda kien hemm periklu li jekk johrog fil-kommunita` jerga jaqa' ghall-vizzju filwaqt li kwalunkwe sanzjoni fil-kommunita` li jista' jinghata ma tistax tkun wahda effettiva propju minhabba dawn il-konsiderazzjonijiet.[8]

Giet esebita l-istqarrija tal-imputat minn fejn jiddikjara li ma kienx ghadu jabbuza mid-droga. Jghid li fil-jum tasserqa il-vettura kienet f'idejn huh ghax baghtu biha ghand il-*mechanic* li jismu Joseph li kien ilu jahdem bih partikolarment missieru li kien jafu sew.[9] Jichad ghall-kollox l-involviment tieghu fis-serqa u jzid li ma kienx jaf lil Ritchie il-*mechanic*[10] izda waqaf ghandu biex issewwi l-vettura tieghu.[11] Wara li gie kkonfrontat minn Zahra jghid li tfixxkel u hassu umiljat quddiem Ritchie u ghalhekk ddecida li johodha ghand il-*mechanic* Joe *"gbidt ghand min kien sejjer hija propja u nghidlek ghand min sewwejtha. Ghand Joe".*[12]

---

[6] Fol.27-28
[7] Fol.30 et seq.
[8] Fol.65 et seq. Vide **DOK.IS** a fol.67
[9] Fol.47-49
[10] Fol.52
[11] Fol.53
[12] Fol.55

Propju hawn l-istranezza peress li l-unika xhud in difesa li ttella jixhed kien Richard Darmanin u mhux Joe jew xi Joseph, il-mechanic li skond hu hadha ghandu! Darmanin jinnega li qatt ra lill-imputat *"Ma jidhirlix li rajtu…Jien qatt ma arjtu le….il-hin kollu hemm [il-hanut] jien ghadni sal-lum nahdem"*.[13]

Illi fid-dawl tal-provi migbura din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad mistenni salv dak li ntqal li l-aggravju tal-vjolenza fis-serq ma jirrizultax.

Illi z-zewg akkuzi jidhru li nghataw bhala akkuzi alternattivi. Il-fatti speci tal-kaz odjern jinkwadraw perfettament fl-ewwel akkuza u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza.

Giet esebita sentenza moghtiha nhar il-15 ta' Mejju, 2012, fil-konfront tal-imputat.[14] Peress li baqghet ma giet esebita l-ebda sentenza datata l-20 t'Ottubru 2015, l-imputat jista' jitqies biss li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Illi rigward il-piena l-Qorti qiset in-natura tal-akkuzi imputat bihom l-imputat, il-fedina penali voluminuza tieghu minn fejn jirrisulta li l-imputat mhux xi *first-time offender*, u tac-cirkostanzi tal-kaz senjatament anke is-Social Enquiry Report mitlub mill-istess difiza. Il-mod kif Borg wettaq ir-reat jixhed il-karattru tieghu, karattru nieqes minn kull trazzin u inibizzjoni, fejn fid-dawl tax-xemx ma hasibiex darbtejn biex hekk kif ghajnejh waqghet fuq ic-*choker* ta' Zahra, mar ghal fuqu u sahansitra gibidha minn ma ghonqu! Is-socjeta` ghandha dritt tistenna li tkun prottetta minn dawk il-persuni li jxiddu c-civilta` taghhom u jittrasformaw rwiehom fi kleptoparasiti!

Ghal dawn il-mottivi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 261(c)(e), 267, 269, 279(a) u 280(1) issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza (ghajr ghall-aggravju tal-vjolenza) u tikkundannah sentejn prigunerija.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,

[13] Fol.97-98

[14] **Dok. JFX** a fol. 40

tordna lil hati jhallas lill-parti derubata is-somma ta €583 ekwivalenti ghal LM250, il-valur li kienet tiswa c-choker 20 sena ilu!

Din  l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-impjegat u d-derubat.

A tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn snin sabiex jinghata l-ghajnuna li jista` jirrikjedi biex jeghleb il-vizzju tad-droga, inkluz dik psikologika jekk mehtieg.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk ma jsegwix l-ordni ta' trattament.

Tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-<u>Direttur tal-Probation u Parole</u> skond il-ligi.

In vista ta' dak li rrizulta dwar in nuqqas ta' licenzja u *insurance* valida tal-vettura Kia Avella BCD757, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat ukoll lil <u>Transport Malta</u>.

Tordna lill-<u>Kummissarju tal-Pulizija</u> sabiex jinvestiga min kien is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni u l-irwol li seta' kellu f'din is-serqa.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**